

It-Tlieta, 19 ta' Frar 2008

- wara li kkunsidra l-Artikolu 51 u l-Artikolu 43 (1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A6-0012/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

L-installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija (verżjoni kodifikata) *I**

P6_TA(2008)0039

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Frar 2008 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-installazzjoni ta' dawl u mezzi ta' sinjalizzazzjoni bid-dawl fuq tratturi bir-roti għall-agrikoltura u għall-foresterija (verżjoni kodifikata) (COM(2007)0192 — C6-0108/2007 — 2007/0066(COD))

(2009/C 184 E/24)

(Proċedura ta' kodeċizzjoni — kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0192),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 251, paragrafu 2, u l-Artikolu 95 tat-Trattat KE, skond liema Artikoli, il-proposta ġiet preżentata lilu mill-Kummissjoni (C6-0108/2007),
- wara li kkunsidra l-ftehma interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 — Metodu ta' xogħol mgħaġġel għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0022/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-grupp ta' ħidma konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din il-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.